IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.7.2013
COM(2013) 522 final

2013/0248 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea

MT MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) inħoloq fl-2002[1] biex jippermetti lill-UE tirrispondi għad-diżastri ewlenin fl-UE u fil-pajjiżi involuti fin-negozjati tal-adeżjoni. L-istrument b'mod kumplessiv qed jilħaq l-objettivi tiegħu sew iżda hu meqjus li mhuwiex risponsiv u viżibbli biżżejjed u sa fejn huma kkonċernati ċerti kriterji għall-attivazzjoni tiegħu, huwa wisq ikkumplikat u mhux ċar biżżejjed.

Fl-2005, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament ġdid dwar il-FSUE[2]. Filwaqt li l-proposta ntlaqgħet b'mod favorevoli mill-Parlament Ewropew[3] hija ma ġietx adottata mill-Kunsill. Il-Kummissjoni rtirat uffiċjalment il-proposta f'Ġunju 2012.

F'Ottubru 2011, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni dwar il-Futur tal-Fond ta' Solidarjetà[4] li tinkludi evalwazzjoni tal-operazzjonijiet tal-istrument preżenti u tipproponi alternattivi għat-titjib tal-funzjonament tiegħu. Analiżi tal-politika kurrenti kienet inkluża wkoll f'kapitolu separat fir-rapport annwali għall-2008 tal-FSUE[5].

Din il-proposta tinsab fil-kuntest ta' Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid għas-snin 2014-2020.

Barra minn hekk, il-proposta tikkumplimenta l-proposta komuni riċenti tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli għall-implimentazzjoni ta' arranġamenti tal-Klawżola ta' Solidarjetà mħaddna fl-Artikolu 222 TFUE[6] li tenfasizza r-rwol tal-Fond ta' Solidarjetà bħala wieħed mill-istrumenti ewlenin fl-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tat-Trattat.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI

Il-Komunikazzjoni ta' Ottubru 2011 sservi ta' bażi għad-diskussjonijiet mal-Istati Membri u l-Parlament Ewropew u partijiet interessati oħra.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Parlament Ewropew adottaw rapport li b'mod ġenerali kkondividew l-analiżi tal-Komunikazzjoni u appoġġaw l-ideat ippreżentati mill-Kummissjoni għat-titjib tal-Fond permezz ta' għadd ta' aġġustamenti għar-Regolament.[78]

L-Istati Membri esprimew l-opinjonijiet tagħhom fil-laqgħat tas-COCOF u l-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill għall-Azzjonijiet Strutturali.

---

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002
2 COM(2005) 108
3 Rapport dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, A6-0123/2006 tal-31.3.2006
4 COM(2011) 613
5 COM(2009) 193
6 Verżjoni kkonsolidata tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 83/47 tat-30.3.2010
7 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-futur tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, ECO/319 tat-28 ta' Marzu 2012
8 Rapport dwar il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, implimentazzjoni u applikazzjoni, A7-0398/2012 tal-20.12.2012

3. Is-Sustanza tal-Proposta

L-objettiv ewlieni tal-proposta hu li jtejjeb il-funzjonament tal-istrument eżistenti tal-Fond ta' Solidarjetà billi jagħmlu iktar pront u iktar viżibbli għaċ-ċittadini, iktar faċli biex jintuża, b'dispożizzjonijiet iktar ċari. Dan jinkiseb minn numru limitat ta' aġġustamenti tekniċi għar-Regolament. Il-prinċipji tal-istrument jibqgħu l-istess bħalma jagħmel il-metodu ta' finanzjament barra mill-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u l-livell probabbli ta' nfiq.

Il-proposta tinkludi dawk l-aġġustamenti għar-Regolament tal-FSUE li kienu diskussi fil-Komunikazzjoni tal-2011 dwar il-Futur tal-Fond ta' Solidarjetà:

- Definizzjoni ċara tal-ambitu tal-FSUE limitat għal diżastri naturali inklużi dawk ikkaġunati mill-bniedem li huma konsegwenza diretta ta' diżastru naturali (effetti kaskata). Dan se jelimina inċertezzi legali eżistenti dwar l-ambitu u għaldaqstant jevita li jiġu ppreżentati applikazzjonijiet li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet.

- Kriterju uniku sempliċi u ġdid għall-mobilizzazzjoni eċċezzjonali tal-FSUE għall-hekk imsejħa diżastri reġjonali straordinarji huwa bbażat fuq il-limitu minimu relatat mal-PDG. Kif uriet il-Komunikazzjoni tal-2011, in-nuqqas ta' ċarezza tad-dispożizzjonijiet kurrenti dwar il-kundizzjonijiet għall-immobilizzar eċċezzjonali tal-FSUE se jiġi eliminat billi jiġi stabbilit il-limitu minimu tal-ħsara għal diżastri reġjonali fil-livell ta' 1,5% tal-PDG fil-livell NUTS 2. Dan se jissimplifika u jħaffef konsiderevolment il-preparazzjoni ta' applikazzjonijiet mill-Istati eliġibbli u l-valutazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni. Fl-istess waqt din se tnaqqas sew in-numru ta' applikazzjonijiet li ma jiġux aċċettati peress li l-applikanti jkunu jafu mill-bidu jekk il-kriterju intlaħaqx. Ir-rata ta' 1,5 % tal-PDG reġjonali hija proposta bħala l-limitu minimu ġdid minħabba li analiżi ddettaljata ta' applikazzjonijiet passati uriet li se twassal għal riżultati kważi identiċi bħal fil-passat filwaqt li tikseb simplifikazzjoni konsiderevoli u se tgħin biex jitħaffef b'mod konsiderevoli t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-ħlas ta' għotjiet.

- L-introduzzjoni ta' possibbiltà li jsiru ħlasijiet ta' pagamenti bil-quddiem b'mod rapidu meta ssir talba mill-Istat Membru affettwat, limitata għal 10 % tal-ammont mistenni ta' għajnuna finanzjarja sa massimu ta' EUR 30 miljun. Irkupri mill-Istati Membri mill-Fond ta' Solidarjetà u mill-Istrumenti ta' Koeżjoni (FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni) sa ammont massimu kull sena, għandhom ikunu disponibbli għall-Fond ta' Solidarjetà bħala dħul assenjat sabiex isiru impenji għal ħlasijiet ta' pagamenti bil-quddiem disponibbli fil-baġit tal-Unjoni. Minbarra li tinkludi dispożizzjoni speċifika fir-Regolament tal-Fond ta' Solidarjetà, din se tirrikjedi wkoll l-inklużjoni ta' dispożizzjoni fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni[9] relatata mal-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni u fid-dispożizzjonijiet tranżizzjonali relatati mal-perjodu ta' programmar kurrenti. Qed jiġi previst li l-Kummissjoni se tippreżenta proposta ta' emenda li għandha tiġi adottata fl-istess ħin bħal din il-proposta.

---

[9] Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru No 1083/2006, COM(2013) 246 final

- L-inklużjoni ta' dispożizzjoni speċifika sabiex jinkixfu bil-mod diżastri bħan-nixfa. Id-definizzjoni tal-bidu tat-tali diżastri bħala d-data li fiha l-awtoritajiet pubbliċi ħadu l-ewwel kontropassi biex jeliminaw id-diffikultajiet ġuridiċi li jirriżultaw mill-obbligu kurrenti li jippreżentaw applikazzjonijiet fl-ewwel 10 ġimgħat tal-ewwel ħsara.

- L-introduzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet li jinkoraġġixxu iktar prevenzjoni effettiva tad-diżastri bħall-impenn li jagħmel il-benefiċjarju li jintroduċi azzjonijiet rilevanti ta' prevenzjoni, l-użu ta' fondi disponibbli tal-Unjoni għal investimenti relatati u rappurtar imtejjeb dwar dawn l-azzjonijiet. Fil-każ li jseħħ diżastru tal-istess natura bħal wieħed li għalih il-Fond diġà kien immobilizzat u ma kienx hemm konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummisjoni tikkunsidra bis-serjetà li tiċħad applikazzjoni ġdida jew li tagħti biss ammont ridott ta' għajnuna.

- L-amalgamazzjoni tad-deċiżjoni li tagħti l-għajnuna u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet f'att uniku. Il-miżura amministrattiva se tgħin biex jitħaffef l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet fil-Kummissjoni u għaldaqstant se tippermetti li l-ħlas tal-għajnuniet isir b'mod iktar mgħaġġel.

Ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-awditjar dwar il-prestazzjoni li għamlet il-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-għajnuna finanzjarja lill-Italja għat-terremot ta' L'Aquila[10] huma kkunsidrati billi tiġi inkluża definizzjoni iktar ċara tat-termini "akkomodazzjoni temporanja" u "operazzjonijiet ta' emerġenza immedjati" kif ukoll dispożizzjoni dwar il-ġenerazzjoni tad-dħul.

Barra minn hekk, fil-proposta ġew inklużi għadd ta' elementi ulterjuri bħal dispożizzjoni speċifika dwar l-eliġibbiltà tal-VAT u l-esklużjoni tal-Assistenza Teknika, dispożizzjoni li tirrikjedi rispett għall-acquis tal-Unjoni, dispożizzjoni riveduta sabiex jiġi evitat finanzjament doppju, rappurtar ex post estiż dwar miżuri ta' prevenzjoni u dispożizzjoni dwar l-użu tal-Euro u l-konverżjoni tiegħu f'muniti nazzjonali.

Fl-aħħar, qed jiġu introdotti għadd ta' modifiki sabiex ir-Regolament jinġieb konformi mar-Regolament Finanzjarju kif emendat fl-2012. Dan jikkonċerna mhux it-terminoloġija biss, iżda b'mod partikolari ċerti regoli u obbligazzjonijiet fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Fond mill-Istati Membri skont il-prinċipju ta' mmaniġġar kondiviż u minn pajjiżi kandidati eliġibbli (pajjiżi li qed jinnegozjaw l-adeżjoni mal-Unjoni) skont il-prinċipju ta' mmaniġġar indirett. Sabiex l-objettivi tal-Fond ma jitpoġġewx f'riskju, jiġifieri biex l-għajnuna finanzjarja ssir disponibbli malajr kemm jista' jkun wara l-okkorrenza ta' diżatru kbir, huwa madankollu neċessarju li jkun hemm deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-proċess li normalment jieħu l-ħin fil-ħatra tal-awtoritajiet tal-implimentazzjoni, inklużi dawk għall-awditjar u l-kontroll, kif ukoll rigward il-ħin tar-rappurtar annwali.

4. L-ELEMENTI ĠURIDI TAL-PROPOSTA

Il-bażi ġuridika

[10] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, rapport Speċjali Nru 24 2012. Ir-reazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għat-Terremot ta' L'Abruzzo tal-2009: Ir-rilevanza u l-kost tal-operazzjonijiet.

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 175 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jikkorrispondi għall-bażi ġuridika tar-Regolament kurrenti. Ir-rikors għall-Artikolu 212 huwa meħtieġ biex jiġu inklużi Stati mhux Membri li jinsabu fil-proċess tan-negozjati dwar l-adeżjoni tagħhom mal-UE.

Filwaqt li l-Fond ta' Solidarjetà huwa meqjus bħala wieħed mill-istrumenti tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-Klawżola tas-Solidarjetà mħaddna fl-Artikolu 222 TFUE, din tal-aħħar mhix bażi ġuridika xierqa għall-Fond. L-Artikolu 222 huwa riżervat għall-iktar sitwazzjonijiet ta' kriżi serji minħabba li l-kriterji tal-attivazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà huma definiti b'mod li jwassal għall-użu tal-Fond diversi drabi fis-sena. Skont il-proċedura leġiżlattiva prevista permezz tal-Artikolu 222 il-Parlament Ewropew hu infurmat imma mhux involut attivament; dan mhuwiex konformi mad-dipożizzjonijiet tal-Fond li jinvolvi kompletament il-Parlament biex itella' l-approprjazzjonijiet għall-għajnuna finanzjarja tal-Fond ta' Solidarjetà. Barra minn hekk, il-Fond ta' Solidarjetà jinkludi lil ċerti Stati mhux Membri mhux koperti bl-Artikolu 222.

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju ta' sussidjarjetà u ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jintlaħqu l-objettivi tal-Fond ta' Solidarjetà stabbilit fl-2002. Ir-Regolament kurrenti dwar il-Fond ta' Solidarjetà nnifsu huwa bbażat fuq il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Għaldaqstant, il-Fond jintervjeni biss f'każijiet meta l-kapaċità tal-pajjiż milqut minn diżastru biex tindirizza s-sitwazzjoni waħidha tilħaq il-limitu tagħha. L-objettiv mhuwiex li jkunu indirizzati d-diżastri fil-livell tal-UE iżda li jagħti għajnuna finanzjarja lill-pajjiżi affettwati biex jgħinhom iġorru l-piż finanzjarju impost fuqhom bħala konsegwenza tad-diżastru naturali. Il-proposta ma tmissx il-prinċipju kostitwenti u lanqas jibdel il-kriterji tal-eliġibbiltà għal diżastri sabiex tiġi aċċettata.

Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. Hija ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju biex tikseb l-objettivi li huma diġà stabbiliti f'dan l-istrument.

5. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta tikkunsidra l-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014 – 2020 li tipprevedi ż-żamma tal-mekkaniżmu kurrenti li permezz tiegħu r-riżorsi baġitarji neċessarji għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja jiżdiedu iktar mil-limiti tal-QFP b'deċiżjoni tal-awtorità baġitarja b'allokazzjoni annwali massima ta' EUR 500 miljun (bi prezzijiet tal-2011).

Id-deċiżjoni li jiġi espress l-ammont tal-allokazzjoni annwali massima tal-Fond bil-prezzijiet tal-2011 (minflok bil-prezzijiet kurrenti) huwa rifless fil-proposta billi tiġi applikata l-istess bażi għall-ammont ta' EUR 3 biljun, liema wieħed miż-żewġ limiti minimi ta' dannu għad-definizzjoni ta' "diżastri maġġuri". Il-limitu minimu l-ieħor definit 0,6 % tad-dħul nazzjonali gross mhuwiex affettwat.

Fil-każijiet meta jkun tħallas pagament bil-quddiem, l-ammont tiegħu jiġi kkunsidrat meta titħallas il-kontribuzzjoni finali mill-Fond.

2013/0248 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 175 u l-Artikolu 212(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([11]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([12]),

Filwaqt li jaġixxu b'konformità mal-proċedura ordinarja leġiżlattiva,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ('il-Fond')[13].

(2) L-Unjoni għandha tkompli turi s-solidarjetà mal-pajjiżi li bħalissa qed jinnegozjaw l-adeżjoni tagħhom. L-inklużjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament titlob rikors għall-Artikolu 212 tat-Trattat bħala l-bażi ġuridika.

(3) Il-Kummissjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tiddeċiedi b'mod mgħaġġel dwar l-impenn ta' riżorsi finanzjarji speċifiċi u li timmobilizzahom malajr kemm jista' jkun. Il-proċeduri amministrattivi għandhom jiġu aġġustati kif xieraq u għandhom jinżammu kemm jista' jkun minimi. Għal dan l-għan, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni kkonkludew fid-data *[jj/xx/ssss]* Ftehim Interistituzzjonali dwar il-finanzjament tal-Fond, dwar id-dixxiplina baġitarja u t-titjib tal-proċedura baġitarja.

(4) It-terminoloġija u l-proċeduri skont ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 għandhom jiġu allinjati mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji

---

[11] ĠU C […]

[12] ĠU C […]

[13] ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002[14].

(5) Id-definizzjoni ta' diżastru naturali, li tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002, ma għandhiex tkun ambigwa.

(6) Dannu kkawżat minn tipi oħra ta' diżastri li minħabba l-effett kaskata huma konsegwenza diretta ta' diżastru naturali għandhom, għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002, jiġu kkunsidrati li huma parti mid-dannu dirett ikkawżat minn diżastru naturali.

(7) Sabiex il-prattika stabbilita tiġi kkodifikata, u biex ikun żgurat trattament ugwali ta' applikazzjonijiet, għandu jkun speċifikat li kontribuzzjonijiet mill-Fond għandhom jingħataw għal ħsara diretta biss.

(8) "Diżastru naturali maġġuri" skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 għandu jiġi definit bħala li kkawża ħsara diretta iktar mil-livell minimu espress f'termini finanzjarji u għandu jiġi espress bil-prezzijiet tas-sena ta' referenza, jew bħala perċentwal tal-introjtu nazzjonali gross (ING) tal-Istat ikkonċernat.

(9) Sabiex tkun ikkunsidrata aħjar in-natura speċifika ta' dawk id-diżastri li, għalkemm importanti, ma jilħqux l-iskala minima meħtieġa sabiex jibbenefikaw minn kontribuzzjoni mill-Fond, il-kriterji għal diżastri reġjonali għandhom jiġu ddeterminati abbażi tad-dannu kkalkulabbli b'referenza għall-prodott domestiku gross reġjonali (PDG). Dawk il-kriterji għandhom jiġu ddeterminati b'mod ċar u sempliċi sabiex inaqqsu l-possibbiltà ta' applikazzjonijiet sottomessi li ma jilħqux ir-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2012/2002.

(10) Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ħsara diretta, għandha tintuża dejta f'format armonizzat, ipprovdut mill-EUROSTAT, li tippermetti trattament ekwitabbli tal-applikazzjonijiet.

(11) Il-Fond għandu jikkontribwixxi għar-restawr tal-infrastruttura biex terġa' tiġi tiffunzjona, għat-tindif taż-żoni milquta mid-diżastru u għall-ispejjeż tas-servizzi tas-salvataġġ u għall-akkomodazzjoni temporanja għall-popolazzjoni kkonċernata matul il-perjodu sħiħ ta' implimentazzjoni. Il-firxa ta' żmien li matulu l-akkomodazzjoni kkunsidrata temporanja għall-persuni li jkunu spiċċaw bla dar, għandu jiġi definit ukoll.

(12) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 għandhom jiġu allinjati mal-politika ġenerali tal-Unjoni dwar il-finanzjament fir-rigward tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

(13) Għandu jiġi speċifikat ukoll li operazzjonijiet eliġibbli ma għandhomx jinkludu nefqa għal assistenza teknika.

(14) Sabiex jiġi eskluż li l-Istati benefiċjarji jagħmlu profitt nett mill-intervenzjoni tal-Fond, għandhom jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet li taħthom l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-Fond jistgħu jiġġeneraw dħul.

[14] ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

(15) Ċerti tipi ta' diżastri naturali, bħal nixfiet, qed jiżviluppaw fuq perjodu ta' żmien itwal qabel ma jinħassu l-effetti diżastrużi tagħhom. Għandha ssir dispożizzjoni li tippermetti l-użu tal-Fond f'każijiet bħal dawn.

(16) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-Istati eliġibbli jagħmlu l-isforzi rekwiziti biex jevitaw diżastri milli jseħħu u biex jimmitigaw l-effetti tagħhom, inkluż l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar prevenzjoni ta' riskju ta' diżastru u l-immaniġġar u l-użu ta' fondi li jeżistu tal-Unjoni għal investimenti rilevanti. Għaldaqstant għandu jsir provvediment li Stat Membru li jonqos milli jikkonforma mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni ta' riskju ta' diżastru u l-immaniġġar, wara li jkun irċieva kontribuzzjoni mill-Fond għal diżastru naturali preċedenti, jista' jirriżulta li tiġi rifjutata l-applikazzjoni jew fi tnaqqis tal-ammont tal-kontribuzzjoni fl-eventwalità ta' applikazzjoni ulterjuri għal diżastru tal-istess natura.

(17) L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu appoġġ finanzjarju minħabba diżastru iktar malajr milli possibbli permezz ta' proċedura normali. Għal dan l-għan, xieraq li jkun hemm previżjoni għall-possibbiltà li jsir ħlas ta' pagament bil-quddiem meta ssir talba mill-Istat Membru kkonċernat ftit wara li tkun ġiet sottomessa applikazzjoni għall-kontribuzzjoni mill-Fond lill-Kummissjoni. Il-pagament bil-quddiem ma għandux jaqbeż ċertu ammont u għandu jkun jidher meta jitħallas l-ammont finali tal-kontribuzzjoni. Barra minn hekk, l-ammonti mill-Fond u mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-Fond ta' Koeżjoni, irkuprati mill-Istati Membri għandhom, sa ċertu ammont massimu, jiġu kkunsidrati bħala dħul assenjat intern sabiex isiru impenji għal pagamenti bil-quddiem disponibbli fil-baġit tal-Unjoni. Il-ħlas ta' pagament bil-quddiem ma għandux jippreġudika d-deċiżjoni finali dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond.

(18) Il-proċeduri amministrattivi li jwasslu għall-ħlas ta' kontribuzzjoni għandhom ikunu kemm jista' jkun sempliċi u effiċjenti fil-ħin. Għall-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni mill-Fond, għandhom għaldaqstant jiġu inklużi fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li jagħtu l-kontribuzzjoni. Madankollu, għall-Istati benefiċjarji li għadhom mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea, għal raġunijiet ġuridiċi għandhom jinżammu ftehimiet ta' implimentazzjoni separati.

(19) Ir-Regolament (UU, Euratom) Nru 966/2012 introduċa bidliet fl-immaniġġar kondiviż u indirett, inklużi rekwiżiti ta' rappurtar speċifiċi li għandhom jiġu kkunsidrati. L-obbligi tar-rappurtar għandhom jirriflettu l-perjodu qasir tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond. Il-proċeduri għall-ħatra ta' korpi responsabbli għall-immaniġġar u l-kontroll tal-fondi tal-Unjoni, għandhom jirriflettu n-natura tal-istrument u ma jdewmux il-ħlas tal-kontribuzzjoni mill-Fond. Għaldaqstant hu neċessarju li jkun hemm deroga għar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

(20) Għandha ssir dispożizzjoni li tevita l-finanzjament doppju ta' operazzjonijiet iffinanzjati mill-Fond ma' strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni jew strumenti ġuridiċi internazzjonali relatati mal-kumpens ta' ħsara speċifika.

(21) Il-fatt li l-pajjiżi jiddikjaraw in-nefqa li jkunu għamlu minn kontribuzzjoni mill-Fond għandu jkun sempliċi kemm jista' jkun. Għalhekk għandha tintuża rata unika tal-

kambju matul l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-pajjiżi li mhumiex membri taż-żona tal-euro.

(22) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fir-rigward tal-għoti ta' kontribuzzjoni mill-Fond, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni.

(23) Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-protezzjoni ta' interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom isiru iktar speċifiċi sabiex jidentifikaw b'mod ċar miżuri għall-prevenzjoni, id-detezzjoni jew l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa ħażin jew użati b'mod skorrett.

(24) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, speċjalment li tkun żgurata azzjoni ta' solidarjetà fl-Unjoni kollha biex tappoġġa Stat milqut minn diżastru, ma tistax tintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri fuq bażi ad hoc, u għaldaqstant jistgħu, jekk jiġi applikat metodu sistematiku, regolat u ekwitabbli ta' għoti ta' appoġġ finanzjarju li jinvolvi lill-Istati Membri kollha skont il-kapaċità tagħhom, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(25) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 għandu jiġi emendat skont dan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 jiġi sostitwit kif ġej:

"Artikolu 2

1. B'talba ta' Stat Membru jew ta' pajjiż involut f'negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni, l-assistenza mill-Fond tista' tiġi mmobilizzata meta jokkorru riperkussjonijiet serji għall-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-ambjent naturali jew l-ekonomija f'reġjun wieħed jew iktar ta' dak l-Istat jew pajjiż bħala konsegwenza ta' diżastru naturali reġjonali jew maġġuri li jkun seħħ fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew pajjiż, fi Stat Membru tal-viċinat jew f'pajjiż tal-viċinat involut f'negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni (iktar 'il quddiem "l-Istat eliġibbli"). Ħsara diretta kkawżata minn diżastru magħmul mill-bniedem li hija l-kawża diretta ta' diżastru naturali għandha titqies bħala parti mill-ħsara diretta kkawżata minn diżastru naturali

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "diżastru naturali maġġuri" tfisser kwalunkwe diżastru naturali li jirriżulta, fi Stat Membru jew pajjiż involut fin-negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni, fi ħsara diretta stmata jew iktar minn

EUR 3 000 000 000 bil-prezzijiet tal-2011, jew iktar minn 0,6 % tal-introjtu nazzjonali gross tiegħu (IGN).

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "diżastru naturali reġjonali" tfisser kwalunkwe diżastru naturali li jirriżulta, f'reġjun ta' Stat Membru jew kwalunkwe pajjiż involut fin-negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni fil-livell NUTS 2, involut fi ħsara diretta li taqbeż il-1,5 % tal-prodott domestiku gross (PDG). Meta d-diżastru jikkonċerna diversi reġjuni fil-livell NUTS 2, jiġi applikat il-limitu minimu tal-medja peżata tal-PDG ta' dawk ir-reġjuni.

4. L-assistenza mill-Fond tista' tkun mobilizzata wkoll għal kwalunkwe diżastru naturali fi Stat eliġibbli li huwa diżastru naturali maġġuri fi Stat Membru tal-viċinat jew pajjiż involut f'negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, tintuża dejta statistika armonizzata pprovduta mill-EUROSTAT."

(2) L-Artikolu 3 jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafi 1, 2 u 3 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

@1. L-assistenza tieħu l-forma ta' kontribuzzjoni mill-Fond. Għal kull diżastru naturali tingħata kontribuzzjoni unika lill-Istat eliġibbli.

2. L-għan tal-Fond huwa li jikkumplimenta l-isforzi tal-Istati kkonċernati u li jkopri parti min-nefqa pubblika tagħhom sabiex jgħinu lill-Istat eliġibbli jwettaq l-emerġenza essenzjali u l-operazzjonijiet ta' rkupru li ġejjin, skont it-tip ta' diżastru:

(a) ir-restawr tal-infrastruttura u l-impjanti biex jerġgħu jiġu jiffunzjonaw fl-oqsma tal-enerġija, l-ilma u d-drenaġġ, it-telekomunikazzjonijiet, it-trasport, is-saħħa u l-edukazzjoni;

(b) il-provvediment ta' akkomodazzjoni temporanja u l-finanzjament ta' servizzi ta' salvataġġ sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet tal-popolazzjoni kkonċernata;

(c) l-iżgurar ta' infrastrutturi preventivi u ta' miżuri ta' protezzjoni tal-wirt kulturali;

(d) it-tindif ta' oqsma milquta minn diżastru, inklużi żoni naturali.

Għall-finijiet tal-punt (b), "akkomodazzjoni temporanja" tfisser akkomodazzjoni li ddum sakemm il-popolazzjoni kkonċernata tkun tista' tmur lura għad-djar oriġinali tagħhom wara li jkunu ssewwew jew inbnew mill-ġdid.

3. Il-ħlasijiet mill-Fond huma limitati għall-finanzjament ta' miżuri li jtaffu l-ħsara li mhijiex inxurjata u li tiġi rkuprata jekk l-ispejjeż tat-tiswija tal-ħsara jitħallsu minn parti terza b'konformità mal-Artikolu 8(3).',

(b) Jiżdiedu l-paragrafi 4 u 7 li ġejjin:

@4. It-taxxa fuq il-valur miżjud ma tikkostitwixxix nefqa eliġibbli ta' operazzjoni, ħlief fil-każ ta' VAT li ma tiġix irkuprata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-VAT.

5. L-assistenza teknika, inklużi l-immaniġġar, il-monitoraġġ, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, is-soluzzjoni għall-ilmenti, u l-kontroll u l-awditjar, mhijiex eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fond.

6. Il-kontribuzzjoni totali mill-Fond ma twassalx għall-ġenerazzjoni ta' dħul li jaqbeż l-ispiża totali tal-operazzjonijiet tal-emerġenza u rkupru mġarrba mill-Istat. L-Istat benefiċjarju jinkludi dikjrazzjoni għal dak l-effett fir-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Fond skont l-Artikolu 8(3).

7. Fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena, mill-inqas kwart mill-ammont annwali għandu jibqa' disponibbli biex ikopri l-bżonnijiet li jinqalgħu sal-aħħar tas-sena.";

(3) L-Artikolu 4 jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

@1. Malajr kemm jista' jkun u mhux iktar tard minn għaxar ġimgħat wara l-ewwel okkorrenza tal-ħsara bħala konsegwenza ta' diżastru naturali, Stat Membru jista' jissottometti applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-Fond lill-Kummissjoni u jipprovdi l-informazzjoni disponibbli kollha dwar, mill-inqas:

(a) il-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru u l-impatt fuq il-popolazzjoni, l-ekonomija u l-ambjent ikkonċernati;

(b) l-ispiża stmata tal-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2);

(c) kwalunkwe sors ieħor ta' finanzjament tal-Unjoni;

(d) kwalunkwe sors ieħor ta' finanzjament nazzjonali jew internazzjonali, inkluża kopertura tal-assigurazzjoni pubblika u privata li tista' tikkontribwixxi għall-ispejjeż tat-tiswija tal-ħsara;

(e) l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni ta' riskju ta' diżastru u mmaniġġar relatat għan-natura tad-diżastru;

(f) kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra dwar il-miżuri ta' prevenzjoni u mitigazzjoni li jkunu ttieħdu b'relazzjoni għan-natura tad-diżastru.",

(b) Jiżdied il-paragrafu 1a:

"1a. Fil-każ ta' diżastru li jitfaċċa progressivament, l-iskadenza ta' għaxar ġimgħat għall-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tibda tgħodd mid-data li fiha l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istat eliġibbli jieħdu azzjoni uffiċjali għall-ewwel darba kontra l-effetti tad-diżastru.",

(c) Il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

@2. Abbażi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, kwalunkwe kjarifika li għandha tiġi pprovduta mill-Istat eliġibbli, il-Kummissjoni tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-Fond jintlaħqux u tiddetermina l-ammont tal-kontribuzzjoni possibbli mill-Fond kemm jista' jkun malajr fil-limiti disponibbli ta' riżorsi finanzjarji.

Jekk il-Kummissjoni tkun tat kontribuzzjoni mill-Fond abbażi ta' applikazzjoni li tkun waslet wara d-data *[jj/xx/ssss]* għal diżastru ta' natura partikolari, hija tista' tirrifjuta applikazzjoni ulterjuri għal kontribuzzjoni relatata ma' diżastru tal-istess natura jew tnaqqas l-ammont li għandu jingħata meta l-Istat Membru eliġibbli huwa suġġett għal proċeduri ta' ksur u jkun ingħata opinjoni mmotivata għal nuqqas ta' implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-immaniġġar ta' riskju ta' diżastru li s-suġġett tiegħu jikkorrispondi għan-natura tad-diżastru mġarrab.

Il-Kummissjoni tittratta l-applikazzjonijiet kollha għal kontribuzzjoni mill-Fond b'mod ekwitabbli.",

(d) Il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

@4. Ladarba l-approprjazzjonijiet isiru disponibbli mill-awtorità baġitarja, il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tagħti kontribuzzjoni mill-Fond u tħallas dik il-kontribuzzjoni immedjatament u f'pagament wieħed lill-Istat benefiċjarju. Jekk ikun sar ħlas ta' pagament bil-quddiem, skont l-Artikolu 4a, jitħallas il-bilanċ biss.",

(e) Il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

@5. L-eliġibbiltà tan-nefqa tibda fid-data tal-ewwel ħsara msemmija fil-paragrafu 1. Fil-każ, li diżastru naturali jitfaċċa progressivament, l-eliġibbiltà tan-nefqa tibda mid-data msemmija fil-paragrafu 1a.";

(4) Jiżdied l-Artikolu 4a li ġej:

"Artikolu 4a

1. Meta jissottometti applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-Fond lill-Kummissjoni, Stat Membru jista' jitlob il-ħlas bil-quddiem.

Il-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni preliminari dwar jekk l-applikazzjoni tissodisfax il-kundizzjonijiet stiuplati fl-Artikolu 4(1) u tivverifika d-disponibbiltà ta' riżorsi baġitarji. Meta dawn il-kundizzjonijiet huma ssodisfati u r-riżorsi suffiċjenti huma disponibbli, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tagħti pagament bil-quddiem u li tħallsu mingħajr dewmien qabel ma tkun ittieħdet id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 4(4). Il-ħlas ta' pagament bil-quddiem huwa mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond.

2. L-ammont tal-pagament bil-quddiem ma jaqbiżx l-10 % tal-ammont tal-kontribuzzjoni antiċipat u fi kwalunkwe każ ma jaqbiżx EUR 30 000 000. Ladarba jkun ġie determinat l-ammont definittiv tal-kontribuzzjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra s-somma tal-pagament bil-quddiem qabel ma jitħallas il-bilanċ tal-kontribuzzjoni. Il-Kummissjoni tirkupra pagamenti bil-quddiem mhux dovuti.

3. Sabiex jiżguraw disponibbiltà fil-ħin tar-riżorsi baġitarji, l-ammonti mill-Fond, mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, irkuprati mill-Istati Membri, sa massimu ta' EUR 50 000 000, ikunu disponibbli għall-Fond bħala dħul assenjat intern. L-ammonti li jkunu ntefqu bħala pagamenti bil-quddiem jew li jkunu ġew dikummissjonati fil-baġit, jiġu sostitwiti hekk kif ammonti ġodda jkunu ġew irkuprati mill-Istati Membri."

(5) L-Artikolu 5 jiġi sostitwit kif ġej:

"Artikolu 5

1. Id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 4(4) tinkludi fl-anness tagħha dispożizzjonijiet iddettaljati għall-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni mill-Fond.

Dawn id-dispożizzjonijiet jiddeskrivu, b'mod partikolari t-tip u l-post tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond wara li ssir proposta mill-Istat eliġibbli.

2. Qabel ma titħallas kontribuzzjoni mill-fond lil Stat eliġibbli li mhux Stat Membru, il-Kummissjoni tikkonkludi ftehim ta' delegazzjoni ma' dak l-Istat li jistabbilixxi dispożizzjonijiet iddettaljati għall-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni mill-Fond imsemmi fil-paragrafu 1 b'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u r-Regolament Iddelegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012**, kif ukoll l-obbligazzjonijiet relatati mal-prevenzjoni u l-immaniġġar tar-riksju ta' diżastru.

3. Ir-responsabbiltà tal-għażla ta' operazzjonijiet individwali u l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni mill-Fond hija tal-Istat benefiċjarju, b'konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) u (3), id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 4(4) li tagħti l-kontribuzzjoni mill-Fond u, fejn applikabbli, il-ftehim tad-delega msemmi fil-paragrafu 2.

4. Il-kontribuzzjoni mill-Fond lil Stat Membru tiġi implimentata fil-kuntest tal-immaniġġar kondiviż b'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. Il-kontribuzzjoni mill-Fond lill-pajjiż involut fin-negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni tiġi implimentata fil-kuntest tal-immaniġġar indirett b'konformità ma' dak ir-Regolament.

5. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, l-Istati benefiċjarji jieħdu r-responsabbiltà għall-immaniġġar ta' operazzjonijiet appoġġati mill-Fond u l-kontroll finanzjarju tal-operazzjonijiet. Il-miżuri li se jieħdu jinkludu:

(a) il-verifika li twaqqfu l-ftehimiet ta' mmaniġġar u kontroll u qed jiġu implimentati b'tali mod li jiżguraw li l-fondi tal-Unjoni qed jintużaw b'mod effiċjenti u korrett, b'konformità mal-prinċipji tal-immaniġġar finanzjarju sod;

(b) il-verifika li l-azzjonijiet iffinanzjati twettqu kif xieraq;

(c) l-iżgurar li n-nefqa ffinanzjata hija bbażata fuq dokumenti ta' sostenn verifikabbli, u li hija korretta u regolari;

(d) il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet u l-irkupru ta' ammonti li tħallsu mingħajr ma kienu dovuti flimkien mal-interessi fuq ħlasijiet tard fejn xieraq. Huma jinnotifikaw kwalunkwe tali irregolarità lill-Kummissjoni, u jżommu lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-proċeduri amministrattivi u legali.

6. L-Istati benefiċjarji jaħtru korpi responsabbli għall-immaniġġar u l-kontroll tal-operazzjonijiet appoġġati mill-Fond b'konformità mal-Artikoli 59 u 60 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. Meta jagħmlu dan, huma jikkunsidraw kriterji dwar l-ambjent intern, attivitajiet ta' kontroll, informazzjoni u komunikazzjoni, u monitoraġġ. L-Istati Membri jistgħu jaħtru korpi diġà nnominati mir-[Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni][15].

Dawn il-korpi maħtura jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 59(5) jew l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 li tkopri l-perjodu ta' implimentazzjoni kollu meta jissottomettu r-rapport u d-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(3) ta' dan ir-Regolament.

7. L-Istat benefiċjarju jagħmel il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa meta tiġi aċċertata irregolarità. Il-korrezzjonijiet li jsiru mill-Istat benefiċjarju jikkonsisti fil-kanċellament kollu jew parzjali tal-kontribuzzjoni mill-Fond. L-Istat benefiċjarju jkopri kwalunkwe ammont mitluf bħala riżultat ta' irregolarità li tinstab.

8. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Qorti tal-Awdituri jew il-kontrolli mwettqa mill-Istat benefiċjarju b'konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, l-uffiċjali tal-Kummissjoni u aġenti oħra jistgħu jwettqu verifiki fuq il-post dwar l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-Fond. Il-Kummissjoni tinnotifika lill-Istat benefiċjarju bl-għan li tikseb l-assistenza neċessarja kollha. Uffiċjali u aġenti oħra tal-Istat Membru kkonċernat, jistgħu jipparteċipaw fit-tali kontrolli.

